97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 63/2026 tar-Raba' Amministrazzjoni

Datalt ~~Tnejn, 22 ta' Ġunju 2026~~ L-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026.

~~Ħin~~: 16:00

Bdiet: 16:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President		Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku		Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku		Kunsill Lokali Birgu	Assenti
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku		Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku		Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku		Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku		Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku		Kunsill Lokali Paola	Assenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku		Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Olaf McKay	Sindku		Kunsill Lokali Valletta	Assenti
Sur Neil Attard	Sindku		Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku		Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Segretarju Eżekuttiv	Deputat	Reġjun Port	Preżenti

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

63. 1 Ittri ta' Apoloġija

63.1.1 Il-President informa li ħadd minn dawk li ma kinux preżenti ma kien informa minn qabel sabiex jiġi skużat. Għaldaqstant, talab li dawn jitniżżlu bħala assenti. Fuq proposta tal-President, approvata mill-Kumitat, ġie deċiż li l-membri li astjenew milli jattendu mingħajr ma kienu skużaw ruħhom jitniżżlu bħala assenti fil-minuti.

63.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.62

63.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 62 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

63.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 54

63.3.1 Fuq proposta tal-President, intalbet l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti Nru. 53, b'nefqa totali ta' €548,440 għall-perjodu bejn it-23 ta' Ġunju 2026 u t-22 ta' Lulju 2026. Il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Clayton Cascun Portelli u ġiet approvata mill-Kumitat.

63.4 Komunikazzjoni mill-President

63.4.1 Il-President irringrazzja lis-Sindki u lill-Kunsilliera fi ħdan ir-Reġjun Port li attendew għal-Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fl-istess waqt, huwa esprima d-diżappunt tiegħu għall-fatt li l-parteċipazzjoni setgħet kienet ferm akbar, partikolarment min-naħa tal-Kunsilliera, u saħaq fuq l-importanza li l-membri eletti jipparteċipaw b'mod attiv f'laqgħat ta' din ix-xorta.

63.4.2 Il-President irringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Isla, u b'mod partikolari lis-Sindku, għall-kollaborazzjoni sħiħa li ngħatat fl-organizzazzjoni tal-attività li ttellgħet fl-Isla bħala parti mill-programm Regional Mosaic, "Il-Ħġejjeġ", li nżammet fis-27 ta' Ġunju.

Il-President innota wkoll b'sodisfazzjon li l-Kunsill Lokali tal-Isla bagħat ittra lir-Reġjun sabiex jesprimi l-apprezzament u r-ringrazzjament tiegħu għall-attività, filwaqt li faħħar il-mod professjonali li bih ġiet organizzata u mtellgħa. ~~Anness Dok A mal-minuti.~~

63.4.3 Il-President informa lill-Kumitat li l-biljetti tal-ajru għas-Sindki jew rappreżentanti tal-Kunsill li kienu esprimew l-interess tagħhom li jattendu l-European Week of Regions and Cities fi Brussell issa nxtraw u ġew ikkonfermati.

63.4.4 Il-President informa li dawk il-Kunsilli Lokali li għadhom pendenti fir-rigward tal-proġett Art in Common għandhom sal-aħħar ta' Awwissu sabiex iressqu lir-Reġjun id-deċiżjoni u l-proposti maqbula u approvati mill-Kunsill rispettiv.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

63.4.5 Is-Sur Marco Agius daħal għal-laqgħa fil-16:48.

63.4.6 Il-President informa li komplew il-laqgħat u t-tħejjijiet relatati mal-inizjattiva tal-bolol kommemorattivi. Huwa spjega li kull sett, li ser jingħata lill-membri eletti kollha fi ħdan ir-Reġjun kif ukoll lis-Segretarji Eżekuttivi, ser ikollu spiża ta' €20.

Il-President talab lis-Sindki sabiex jibagħtu ritratt antik u rappreżentattiv tal-lokalità rispettiva tagħhom, li jixtiequ li jidher fuq il-bolla ddedikata lil-lokalità tagħhom.

63.5 Komunikazzjoni mill-President

63.5.1 Il-President informa li l-fondi li ġew ritornati mill-Fondazzjoni Kottonera ser jerġgħu jiġu investiti fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun Port. Għaldaqstant, ir-Reġjun ħejja sett ta' linji gwida li ser jiġu mnedija sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-fondi skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti.

63.5.2 Il-President informa lill-Kumitat li kienet inqalgħet kwistjoni mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, wara li l-Kunsill ingaġġa kuntrattur indipendenti sabiex jipprovdi servizz ta' ġbir ta' skart fil-lokalità. Dan seħħ wara li l-Kunsill kien ressaq lmenti dwar it-tip tat-trakkijiet użati mill-kuntrattur tar-Reġjun, kif ukoll dwar każijiet ta' tixrid ta' likwidi (spillages) waqt il-ġbir.

Il-President spjega li, fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, ir-Reġjun ressaq il-kwistjoni għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u talab ukoll il-parir legali tal-Avukat tar-Reġjun sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni u jiġi stabbilit kif għandu jipproċedi r-Reġjun.

63.5.3 Il-President spjega li n-nefqa relatata mar-Reġjun Kulturali matul l-ewwel nofs tas-sena kienet stmata li laħqet madwar €110,000.

63.5.4 Il-President informa li r-Reġjun kien ser jidħol fi ftehim mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar fir-rigward ta' proġett iffinanzjat mill-Planning Fund, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn finanzjament ta' 100% tal-ispiża eliġibbli tal-proġett.

63.5.5 Il-President informa lill-Kumitat li kienet ġiet riċevuta applikazzjoni waħda għall-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali Port. Huwa nnota li din kienet applikazzjoni li kienet diġà ġiet sottomessa lir-Reġjun f'okkażjoni preċedenti.

Il-President tenna l-pożizzjoni li kien diġà ħa fir-rigward tal-proċess ta' reklutaġġ u saħaq li, sakemm ma ssirx reviżjoni tal-kompożizzjoni tal-Bord tal-Intervisti, ma għandhomx isiru intervisti għall-mili ta' dan il-post vakanti.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

63.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2026

63.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tat spjega tar-rapport u qrat ukoll l-overview tiegħu, filwaqt li tat il-kjarifiki meħtieġa dwar il-punti ewlenin imsemmija fih.

Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Jorge Grech, ir-rapport ġie approvat mill-Kumitat kif ippreżentat.

63.7 Aġġornament

63..1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sitta ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 24 t' Awwissu 2026 fil-16:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv